**Minuti tat-tmienja u erbgħin (48) laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Ġimgħa 1 ta' Lulju 2016 fit-3.00pm fis-Sala tal-Kommunita'.**

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Mercieca | Ambaxxatur lokali taż-żgħażagħ |
| Is-Sur Ivan Attard | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba, Qari u Approvazzjoni tal-Minuti u punti mqajma mill-minuti

1.1 Il-laqgħa ġiet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg u bdiet b'talba. Is-Sindku innota li kien hemm tibdil fl-aġġornament tal-laqgħa biex hekk il-Kunsilliera kollha setgħu jattendu.

1.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 47 li saret nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2016 ġew approvati mill-membri preżenti u iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-minuti tal-laqgħa b'urġenza li saret nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016 għadhom ma ġewx ippreparati mill-ex Segretarju Eżekuttiv. Dan minkejja li inġibdet l-attenzjoni dwar dan diversi drabi. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku qal li għandna ninfurmaw lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali biex jara x'passi jistgħu jittieħdu biex dawn il-minuti jiġu ippreparati mill-aktar fis possibbli.

Punti mqajma mill-minuti

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

1.3 Għandna niktbu lill-Perit Toni Bezzina sabiex ilesti d-dokumentazzjoni li kellu jagħmel għal xogħol tal-Kunsill. Din id-dokumentazzjoni tinkludi t-*traffic calming measures* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, id-dokument tal-offerta għal xogħol ta' tiswija permezz ta' *patching* bil-*hot asphalt* u l-applikazzjoni tal-Awtorita' tal-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Ippjanar għal irranġar ta' diversi sqaqien pubbliċi fil-lokalita' bil-*porfido*. Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nagħmlu xogħol ta' *patching* temporanju bil-*cold asphalt* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li dan ix-xogħol jista' jsir mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex bil-kundizzjoni li l-materjal jinxtara mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għanda nixtru l-boroż tal-*patching* biex ikun jista' jsir dan ix-xogħol.

1.4 Wara li saret verifika ma' uffiċjali mid-Dipartiment tal-Artijiet rigward l-isqaqien fil-lokalita' tagħna li huma reġistrati mal-istess Dipartiment, jirriżulta li dawn huma Trejqet ix-Xagħri, taħt ir-*railing* 'l isfel mill-Knisja, Sqaq Għar Gerduf u trejqa bejn Trejqet ir-Razzett u Triq Għajn Tuta. L-isqaqien l-oħrajn mhumiex reġistrati ma' dan id-Dipartiment u għaldaqstant wieħed ma jistax jgħid jekk dawn humiex pubbliċi jew privati.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna niktbu lill-Kummissarju tal-Artijiet biex nivverifikaw dwar dan. Il-Kunsillier Horace Micallef propona u l-Kunsill qabel li f'każijiet ta' sqaqien li huma tal-Gvern u għadhom ma ġewx devoluti lill-Kunsill, għandha ssir talba min-naħa tagħna sabiex dawn jiġu devoluti lill-Kunsill. Is-Sindku Saviour Borg qal li dawn huma imniżżla fl-Att tal-Kunsilli Lokali tas-sena 1993 u mgħoddija lill-Kunsill iżda ma humiex reġistrati mad-Dipartiment tal-Artijiet.

Il-kunsillier Mario Mercieca irtira mil-laqgħa fit-3.30pm minħabba raġunijiet personali.

1.5 Il-*payment vouchers* li ġew approvati fil-laqgħat ta' Diċembru 2015 u Jannar 2016 għadhom ma ġewx iffirmati mill-ex-Segretarju Eżekuttiv. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv innota li skont il-Liġi, il-*payment vouchers* għandhom dejjem ikunu iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv u possibilment minn xi Kunsillier ieħor. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra uffiċjali lill-ex-Segretarju Eżekuttiv sabiex, sal-laqgħa li jmiss, tipprepara l-minuti tal-laqgħa b'urġenza tal-4 ta' Marzu 2016, tiffirma l-*payment vouchers* ta' Diċembru 2015 u Jannar 2016 u tirritorna fl-uffiċċju tal-Kunsill il-kuntratt ta' impjieg tagħha mal-Kunsill. Dan peress li hi kienet infurmat lill-iskrivan tal-Kunsill, is-Sur Christopher Buhagiar, li dan il-*boxfile* u l-kuntratt ta' impjieg tagħha ħaditu magħha d-dar.

1.6 Għandna nagħmlu l-grada tal-ħadid tat-toilet tal-Kunsill biex ma jkunx hemm aċċess mil-latrina pubblika għall-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Din kien approvaha l-Kunsill xi xhur ilu. Il-Kunsill qabel ma' dan.

1.7 Rigward l-aġġornament tas-sit elettroniku uffiċjali tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, għandna nitkellmu mas-Sur William Sultana, il-*webmaster* ta' dan is-sit, sabiex


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

naraw x'jista' jsir ħalli l-aġġornamenti ikunu jistgħu jibdew isiru mill-iskrivan tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' dan.

1.8 Għandna nibagħtu ittra lis-Sur Silvio Frendo, Assistent Direttur tal-Kunsilli Lokali, b'risposta għall-email li bagħat xi xhur ilu li fiha hu qal li l-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol f'toroq li ma jaqgħux taħt ir-responsabbilita' tiegħu. F'din l-ittra, il-Kunsill ser jiġbed l-attenzjoni tas-Sur Frendo li fis-sena 2011, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien approva li Triq il-Għajn u Triq l-Isptar San Ġiljan (liema toroq jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tal-Gvern Ċentrali) jiġu asfaltati b'fondi tal-iskema *Public Private Partnership* imnedija mill-istess Dipartiment. Barra minn hekk, irridu ngħidu li fil-*budgets* tas-sena 2014 u 2015, il-Kunsill ivvota flus biex jagħmel xogħol f'toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tal-Gvern Ċentrali u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qatt ma ġibed l-attenzjoni fuq hekk.

1.9 Għandna nibagħtu applikazzjoni formali lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għad-devoluzzjoni tal-Għajn il-Kbira, l-Għajn ta' Bendu u l-bankina ta' Pjazza l-Għejun. Rigward l-*area* tal-bankini ta' Pjazza l-Għejun, il-Kunsillier Horace Micallef propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu pjanta ta' dan is-sit lid-Direttur Mark Formosa u lill-Perit Angelo Portelli, liema pjanta tkun tista' tiġi sottomessa mal-applikazzjoni lid-Dipartiment. Is-Sindku propona wkoll u l-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjaw lill-Perit Toni Bezzina sabiex ilesti d-dokumentazzjoni kollha relatata ma' din l-applikazzjoni biex din tintbagħat mill-aktar fis possibbli.

1.10 Għandna nwaħħlu t-tabella li tindika l-isema ta' 'Trejqet il-Ħarrub' li ġiet ordnata mill-Kunsill f'Mejju li għadda. Il-Kunsill qabel ma' dan.

1.11 Nhar it-Tnejn 27 ta' Ġunju 2016 intbagħtet ittra uffiċjali lis-Sur Carmel Xerri, il-kuntrattur responsabbli mit-tindif u l-manutenzjoni tal-latrina pubblika fi Triq Ta' Mulejja, rigward is-sitwazzjoni attwali ta' din il-latrina. F'din l-ittra, inġibdet l-attenzjoni tas-Sur Xerri sabiex jieħu l-passi kollha neċessarji ħalli din il-latrina tinżamm fi stat tajjeb skont kif jistipula l-ftehim kuntrattwali li hu għandu mal-Kunsill. Il-Kunsill ġibed ukoll l-attenzjoni tas-Sur Xerri dwar il-ħtieġa li t-*toilets* tal-latrina jinżammu fi stat nadif u jkunu mgħammra b'*toilet paper*, titranġa l-mera mtebba' li hemm man-naħa tas-*sink*, jassigura li d-dawl tal-latrina jkun jixgħel kollu u li l-latrina tkun tingħalaq u tissakkar matul il-lejl biex hekk jiġu evitati xi abbużi li jistgħu jsiru.

Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa jekk it-*tender* tal-latrini pubbliċi jkunx l-istess għall-Kunsilli Lokali kollha. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-*format* ta' dan it-*tender* ikun l-istess iżda l-ispeċifikazzjonijiet ikunu differenti skont il-Kunsill Lokali rispettiv. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

għandha tintbagħat *default notice* kuljum lill-kuntrattur, liema *default notice* tkun akkumpanjata bir-ritratti.

1.12 B'riferenza għal-laqgħa li kellna mal-Onorevoli Ministru għal Għawdex rigward xogħlijiet li jistgħu jsiru mill-Ministeru fil-Fontana, is-Sindku qal li l-Kunsill intalab sabiex jissottometti proġett li jista' jsir minn fondi tal-Eko-Għawdex. Wara diskussjoni, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nissottomettu l-proġett ta' installazzjoni ta' CCTV cameras u bini ta' ħajt tas-sejjieħ minflok dak tal-kantun li hemm fl-istess post. Is-Sindku qal li jista' jsir ukoll ix-xogħol ta' bdil tal-fanali fit-toroq li fadal biex dawn isiru *eco-friendly*. Il-Kunsill qabel ma' dan u ser nitolbu stima tal-Perit li tkun tinkludi dawn ix-xogħlijiet kollha biex hekk jiġi sottomess proġett wieħed.

1.13 Waqt il-laqgħa tar-Reġjun ta' Għawdex li saret f'Ġunju, inqalgħet problema mas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur George Refalo rigward x'għandu jitniżżel fil-minuti tal-laqgħat tar-Reġjun. Dan peress li s-Sindku Saviour Borg kien ressaq l-ilment tal-Kunsill dwar il-*floodlights* tas-Santwarju Parrokkjali u ma tniżżel xejn fil-minuti tal-laqgħat tar-Reġjun. Huwa qal li s-Segretarju Eżekuttiv infurmah li fil-minuti ma jistax joqgħod jitniżżel dak kollu li jgħidu s-Sindki Għawdxin. Is-Sindku qal li ser iressaq din il-materja fil-laqgħa li jmiss tar-Reġjun peress li l-aħħar waħda ma saritx minħabba nuqqas ta' *quorum*.

1.14 Għandna nkellmu lis-Sur Jason Curmi, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat u membru fil-bord tal-għażla għal post ta' skrivan mal-Kunsill Lokali tal-Fontana, sabiex naraw il-possibilita' li l-*box file* li fih ir-riżultati ta' kull kandidat li resaq għall-*interview* jerġa' jiġi issiġġillat. Dan skont kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill u biex l-affarijiet isiru skont ir-regolamenti.

1.15 Għandna nivverifikaw dwar l-ittra li ntbagħtet lill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) biex naġġornaw il-lista ta' persuni impjegati mal-Kunsill Lokali tal-Fontana inkluż il-Kunsilliera li għandhom jitniżżlu bħala ħaddiema *part time*.

2. <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

2.1 Nhar il-Ħamis 16 ta' Ġunju 2016, hu flimkien mal-Perit Toni Bezzina marru fuq il-post fejn hu propost li jitkompla l-porfido. Dawn is-siti huma parti minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali u wara s-sagristija fi Triq Ta' Mulejja. Dawn ser jiżdiedu ma' Trejqet ix-Xagħri, taħt ir-*railing* 'l isfel mill-Knisja, Sqaq Għar Gerduf u trejqa bejn Trejqet ir-Razzett u Triq Għajn Tuta.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.2 Nhar il-Ħamis 16 ta' Ġunju 2016, hu flimkien mal-Kunsillier Horace Micallef u Carmel Farrugia attendew għall-għoti taċ-ċertifikat tal-*Malta Records* lis-Sur Simon Micallef għall-isbaħ faċċata ta' dar imżejna għall-festa. Din l-attivita' saret bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Fontana.

2.3 Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2016, ġiet imqassma f'kull residenza tal-Fontana, it-tnejn u għoxrin edizzjoni tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill tiegħek". Din il-ħarġa saret fl-okkażjoni tal-festa titulari u ġiet imħejjija mis-Sindku.

2.4 Nhar is-Sibt 18 ta' Ġunju 2016, lejliet il-festa titulari tal-Qalb Ta' Ġesu', qabel il-ħruq tal-logħob tan-nar tal-art sinkronizzat mal-mużika, ġie mtella' *feature* għall-ewwel darba dwar il-Fontana u l-festa mill-Kummissjoni Żgħażagħ Fontanin bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Fontana.

2.5 Nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju 2016, jum il-festa titulari tal-Qalb ta' Ġesu', hu flimkien mal-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia attendew għall-Pontifikal Solenni mmexxi mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Wara, sar it-tqassim tal-ikla tal-festa lill-anzjani Fontanin li jgħixu weħidhom, liema ikla kienet provduta mill-Kunsill Lokali.

2.6 Nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2016, hu flimkien ma' rappreżentant tal-ELC żaru t-toroq John Gaspard Le Marchant u l-Kardinal Alessandro Franchi sabiex l-ELC tagħti stima għat-tisqija ta' erbgħin qasrija f'dawn it-toroq. Is-Sindku informa lill-Kunsill li din l-istima għadha ma waslitx u għaldaqstant ser nerġgħu nikkuntattjaw lil din il-kumpanija biex tibagħtilna l-istima mill-aktar fis possibbli. Is-Sindku informa lill-Kunsill li sakemm nirċievu din l-istima u tittieħed deċiżjoni dwarha, ser jieħu ħsieb isaqqu dawn il-qsari hu stess.

2.7 Nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2016, hu u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' Suzanne Bonnici mill-kumpanija 'Herbal Life Nutrition Malta' rigward il-korsijiet 'Fit 4 Life' li hemm il-ħsieb li jiġu organizzati minn Ottubru li ġej. Ser nerġgħu nitkellmu mas-Sinjura Bonnici biex naraw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dawn il-korsijiet sportivi.

2.8 Nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2016, hu, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Horace Micallef kellhom laqgħa ma' rappreżentanti tal-*Wasteserv* rigward l-introduzzjoni tal-borża organika. F'din il-laqgħa, issemmew il-punti kollha li tqajmu fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill u ġiet deċiża l-iskeda ġdida ta' ġbir ta' skart fil-Fontana, liema skeda ser tiġi fis-seħħ fit-30 ta' Settembru li ġej.

2.9 Nhar it-Tlieta 28 ta' Ġunju 2016, hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv attendew għal sessjoni informattiva organizzata mill-MEUSAC fil-Ministeru għal


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Għawdex rigward opportunitajiet ta' finanzjament li hemm minn programmi tal-Unjoni Ewropea.

2.10 Ġie propost minn diversi residenti sabiex jiġu organizzati żewġ ħarġiet kulturali, waħda għal Malta u oħra għal Kemmuna. Wara diskussjoni, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna norganizzaw ħarġa għall-fiera l-kbira ta' Malta nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2016. Ser nippreparaw l-avviż li ser jitqassam fid-djar kollha mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

2.11 Il-laqgħa li kellha ssir mal-inġinier Mario Galea u/jew Renzo Curmi flimkien mal-kuntrattur Richard Cauchi rigward l-issettjar tal-*floodlights* tas-Santwarju Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesu' għadha ma saritx u għaldaqstant dan ix-xogħol għadu pendenti. Ser naraw li dan ix-xogħol isir mill-aktar fis possibbli.

2.12 Fadal xi kwistjonijiet pendenti rigward il-bozoz ġodda li twaħħlu mill-kuntrattur Richard Cauchi fit-toroq Ta' Mulejja, Trejqet Dun Ġużepp Grima u Triq Mons. Mikiel Buttigieg u għadhom ma ingħatawx id-dawl mill-Korporazzjoni Enemalta peress li huma mal-arbli. Rigward il-bozza l-ġdida li twaħħlet fi Triq Wied Siekel, is-Sindku ser jiċċekkja ma' sid ir-residenza biex jara jekk iridhiex kif kienet qabel. Rigward il-bozza li ġiet installata fi Trejqet Ġużepp Grima, is-Sindku qal li s-sid ma aċċettax li titwaħħal mal-propjeta' tiegħu peress li bħalissa qiegħda ma' kanna tal-Enemalta. Għalhekk, hu tkellem mas-sid tar-residenza faċċata tiegħu u dan aċċetta.

Il-Kunsillier Horace Micallef qal li mhix serjeta' li bozoz li jitwaħħlu idumu għal aktar minn xahar ma jingħataw id-dawl. Barra minn hekk, teżisti anomalija kbira fil-mod ta' kif qed taħdem is-sistema fejn l-irwoli distinti li għandhom ir-Reġjun ta' Għawdex, il-kuntrattur u l-Korporazzjoni Enemalta mhumiex ċari biżżejjed u għaldaqstant wieħed ma jkunx jaf fejn irid imur f'każ li jinqala' xi diżgwid. Is-Sindku Saviour Borg qal li din il-materja diġa' ressaqha diversi drabi fil-laqgħat tar-Reġjun li lilu ngħatat id-devoluzzjoni tad-dwal tat-toroq iżda qatt ma ngħata risposta ċara u definittiva fuq hekk.

2.13 Irċieva talba mingħand is-Sur John Galea ta' 'Galea House', Triq Ta' Mulejja, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

2.14 Hemm bżonn li jinxtara *fertilizer* għall-pjanti li huma fir-responsabbilita' tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan għandu jinxtara.

2.15 Rigward il-*parking permits* li jinħarġu mill-Kunsill Lokali biex persuni jkunu jistgħu jipparkjaw f'żoni ta' parkeġġ riservati għar-residenti, is-Sindku qal li qed


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

jirċievi diversi ilmenti rigward il-mod kif qed jinħarġu dawn il-permessi. Huwa qal li bħalma kien isir fil-passat riċenti, għandhom isiru l-verifiki kollha neċessarji qabel ma jinħarġu dawn it-tip ta' permessi, b'mod partikolari l-permessi permanenti. Il-proċedura dejjem kienet li, qabel ma jinħarġu dawn il-permessi, tintalab kopja tal-karta tal-identita' u tal-*log book* tal-vettura biex hekk nassiguraw li dawk li japplikaw għalihom ikunu residenti fil-Fontana. Dan għar-raġuni li bil-permessi li ħareġ il-Kunsill lill-persuni barra mill-Fontana, qed jinħoloq inkonvenjent lir-residenti tal-Fontana u lill-familjari tagħha għax ma jsibux post fejn jipparkjaw.

Rigward l-għalliema li jkunu jgħallmu fl-iskejjel tal-Belt Victoria matul is-sena skolastika, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li dawn għandhom japplikaw għal permess ta' parkeġġ temporanju mal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria.

Il-Kunsillier Horace Micallef għamel riferenza għall-anomalija li teżisti fi Triq il-Qalb ta' Ġesu'. F'din it-triq, naħa minnhom tikkwalifika bħala żona ta' parkeġġ riservat għar-residenti filwaqt li n-naħa l-oħra ma tikkwalifikax u għaldaqstant kulħadd jista' jipparkja mingħajr il-ħtieġa li jġib permess. Dan għad-detriment tar-residenti li jgħixu f'din it-triq. Wara diskussjoni, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nibagħtu ittra uffiċjali lill-Ministru responsabbli mit-Trasport sabiex inġibu l-awtorizazzjoni neċessarja ħalli Triq il-Qalb ta' Ġesu' ssir iż-żewġ naħat bil-*parking permit*.

2.16 Qed ikollna diversi ilmenti mir-residenti rigward il-*communal reserved parking bay* li tinsab fi Triq il-Għajn. Dan peress li din il-kaxxa mhix qed tintuża u għaldaqstant qed jinħela spazju ta' parkeġġ li jista' jkun tant utli għar-residenti. Il-Kunsillier Horace Micallef propona li din il-kaxxa tiġi spustjata għal tarf Triq il-Qalb ta' Ġesu' iżda s-Sindku propona li din il-kaxxa tiġi spustjata fil-kantuniera bejn Triq il-Għajn u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili fejn qabel kien hemm ir-*reserved parking* għas-Segretarju Eżekuttiv meta l-uffiċċju tal-Kunsill kien fi Triq il-Għajn. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li f'dan is-sit hemm diġa' s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar u għaldaqstant għandu dubju kemm it-talba tagħna ser tiġi aċċettata. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu ittra uffiċjali lil Transport Malta sabiex din il-*communal reserved parking bay* tiġi spustjata kif propona s-Sindku, jiġifieri fejn illum hemm is-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar.

2.17 Rigward il-bollards fi Triq Ta' Mulejja, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li dawn għandhom jitwaħħlu fil-*porfido* peress li meta kienu ser jitwaħħlu quddiem il-gradi fit-*tarmac* tat-triq mis-Sur Chris Gauci, inġibdet l-attenzjoni minn sid ta' propjeta' ħdejn il-*belvedere* li ma kienx ser ikun jista' jidħol u joħroġ mill-garaxx.

2.18 Għandna nikkuntattjaw lis-Sur Herbert Naudi rigward il-*welcome signs* li għandna fil-lokalita' biex naraw eżatt meta ser issir l-installazzjoni tagħhom. Dan


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

peress li l-kuntratt ilu li ġie iffirmat minn Frar li għadda u x-xogħol għadu ma sarx.

2.19 Qed tinħass il-ħtieġa li jsir xogħol ta' dekorazzjoni interna fis-Sala tal-Komunita'. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandna nitkellmu mal-Perit Toni Bezzina biex naraw x'jista' jsir ħalli din is-sala tingħata dehra aktar moderna u adekwata għaż-żminijiet tal-lum.

2.20 Irċivejna korrispondenza mingħand Mario Mallia li fiha qed jinforma lill-Kunsill li rigward il-pilastru li hemm maħruq fil-*playhouse* li tinsab fil-*playing field* tal-lokalita', dan jiswa € 75 VAT inkluża. F'każ li jkun irid isir it-twaħħil tiegħu, ix-xogħol jiswa € 26 kull siegħa. Is-Sindku Saviour Borg qal li dan il-prezz huwa esaġerat u li l-ebda professjonist ma jitħallas b'din ir-rata daqshekk għolja kull siegħa. Wara diskussjoni, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninfurmawh li l-Kunsill mhux lest jonfoq aktar minn € 100 biex isir dan ix-xogħol.

*Mill-kunsillier Horace Micallef*:

Il-Kunsillier Horace Micallef qal li rċieva korrispondenza mingħand il-Middle Insurance plc li fiha nfurmawh li hu mhux inxurjat u għaldaqstant ma jistax jirċievi rimbors għal spejjeż li saru fuq interventi mediċi li għamel matul ix-xhur li għaddew. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard wieġeb li din l-insurance tħallset mill-Kunsill f'Mejju li għadda wara li hu rċieva l-ittra tal-ħatra tiegħu u dan peress li din il-materja qatt ma resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill fix-xhur ta' qabel minkejja li l-email oriġinali kienet intbagħtet lill-Kunsill f'Jannar 2016. Ġie deċiż li għandna niċċekkjaw mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kif nistgħu nipproċedu fuq dan il-każ.

3. <u>Qari tal-Korrispondenza</u>

3.1 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Għawdxin li, kemm-il darba hemm Kunsilli Lokali li għal xi raġuni jew oħra ma jkunux jixtiequ jużaw is-servizzi tal-kumpanija *Galea Curmi Engineering Consultants* kull meta jkunu jinħtieġu li jirrappurtaw xi ħsarat ta' bozoz fit-toroq, dawn għandhom jirrappurtaw il-ħsarat lir-Reġjun direttament jew bis-sistema eżistenti tal-*customer care* jew b'*e-mail* normali lir-Reġjun. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.2 E-mail mingħand Kenneth Cutajar, *general manager* tal-kumpanija District Operations Limited, b'kopja tal-*memorandum agreement* li ġie maqbul mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali rigward il-kundizzjonijiet attwali tal-ħaddiema li huma impjegati mal-*Community Workers Foundation* u assenjati mal-

Kunsill Lokali. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li għalissa, dan il-proċess huwa temporanjament sospiż sakemm ningħataw direttivi min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

3.3 E-mail mingħand Justin Agius, *manager* tal-Gozo Action Group, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Għawdxin li dalwaqt ser jiġi ippubblikat kuntratt f'forma ta' att pubbliku rigward il-Fondazzjoni Gozo Action Group li minnha l-Kunsill Lokali tal-Fontana jifforma parti. Għaldaqstant, is-Sur Agius qed jitlob lill-Kunsill sabiex jagħżel rappreżentant li jkun jista' jiffirma dan l-Att f'isem l-istess Kunsill. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li s-Sindku Saviour Borg għandu jkun ir-rappreżentant tal-Kunsill Lokali tal-Fontana fl-iffirmar ta' dan l-Att.

3.4 Ċirkulari Numru 03/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha d-Dipartiment qed jinforma lill-Kunsilli Lokali li bejn il-Ġimgħa 1 u l-Ħadd 3 ta' Lulju 2016 ser issir il-maratona tal-*volleyball* ta' tlieta u ħamsin siegħa fil-*car park* tad-Dar tal-Providenza. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.5 E-mail mingħand Reuben Said, *head* ta' Transport Malta, li fiha qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Fontana sabiex tkun tista' tiġi installata *open top bus stop* ġdida faċċata ta' dik eżistenti fi Triq Xlendi. Il-Kunsill ma approvax din it-talba.

3.6 E-mail mingħand Michael Portelli, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Luqa, li fiha qed jistieden lill-Kunsill Lokali tal-Fontana sabiex jipparteċipa fil-festa titulari tal-Appostlu Sant'Andrija li ser tiġi ċċelebrata f'Ħal-Luqa fl-ewwel Ħadd ta' Lulju. Is-Sur Portelli qed jistieden lill-Kunsill sabiex jipparteċipa fiċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sibt filgħaxija. Il-Kunsilliera, filwaqt li irringrazzjaw lis-Sur Portelli u lill-Kunsill ta' Ħal-Luqa għall-istedina tagħhom, ser jinfurmawh li mhux ser ikunu jistgħu jattendu minħabba impenji oħra.

3.7 E-mail mingħand Pawley Noel Zammit mill-Aġenzija Żgħażagħ li fiha qed jistieden rappreżentant mill-Kunsill Lokali sabiex jattendi għal sessjoni informattiva bit-tema 'The Third Space: Lessons Learnt from Outreach and Detached Youth Work Pilot' li ser issir nhar il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016 mis-7pm sad-9pm fil-Youth Village, Santa Venera Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.8 Ittra mingħand il-Perit Clint Camilleri, *senior manager* ta' Transport Malta, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali li l-Awtorita' tat-Trasport tat l-approvazzjoni tagħha sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza 'San Ġorġ House', Triq Ta' Mulejja, Fontana. Il-Kunsill innota li dan ix-xogħol tlesta.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.9 Ittra mingħand il-Perit Clint Camilleri, *senior manager* ta' Transport Malta, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali li l-Awtorita' tat-Trasport tat l-approvazzjoni tagħha sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tas-Sur Anthony Mizzi fi Triq Ta' Mulejja, Fontana. Il-Kunsill innota li dan ix-xogħol tlesta.

3.10 Ittra mingħand l-iskrivan tal-Kunsill, is-Sur Christopher Buhagiar, li fiha qed jitlob is-sapport finanzjarju tal-Kunsill biex ikun jista' jagħmel kors tal-ACCA (kors tal-*accounting*) li jwassal għal *Masters Degree* f'dan is-suġġett. Is-Sur Buhagiar qed iressaq din it-talba fid-dawl tal-fatt li, jekk itemm dan il-kors b'suċċess, ikun jista' jgħin lill-Kunsill Lokali fil-qasam tal-*accounts*.

Wara diskussjoni, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nieħdu l-parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar jekk nistgħux ngħinu finanzjarjament f'każ bħal dan. F'każ li d-Dipartiment ma jsibx oġġezzjoni, għandna naraw kemm ikun l-ammont ta' flus li ser nikkommettu u kif ser jingħataw. Il-Viċi Sindku Victor Cefai qal li l-ammont mogħti għandu jingħata f'każ li s-Sur Buhagiar jgħaddi mill-eżamijiet. Il-Kunsill qabel ma' dan. Il-Kunsillier Horace Micallef propona u l-Kunsill qabel li bħalma jiġri f'każijiet simili, għandna naraw il-possibilita' li s-Sur Buhagiar jintrabat b'kuntratt li juża l-għarfien li jkun kiseb matul dan il-kors għall-benefiċċju tal-Kunsill Lokali.

3.11 E-mail mingħand Vanessa Bianchi, rappreżentanta tal-Kunsill ta' Serrone fl-Italja, li fiha qed tinforma lill-Kunsill Lokali tal-Fontana li l-Kunsill ta' Serrone huwa interessat li jibda d-diskussjonijiet li possibilment iwasslu għal ftehim ta' ġemellaġġ. Dan skont kif diġa' ġie deċiż mill-Kunsill fil-mozzjoni numru 13 proponuta mill-kunsillier Horace Micallef u sekondata mill-kunsillier Mario Mercieca. Is-Sinjura Bianchi qed titlob lill-Kunsill sabiex jipproponi data li fiha jospita rappreżentanza mill-Kunsill ta' Serrone f'Malta għall-ewwel laqgħa uffiċjali jew inkella jitlob li jiġi ospitat fl-Italja. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li jkun aktar għaqli li nospitaw il-grupp aħna biex hekk is-Sindku jkun jista' jattendi.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandna nospitaw delegazzjoni mill-Kunsill ta' Serrone għal ftit ġranet matul ix-xahar ta' Awwissu jew Settembru. Is-Sindku qal ukoll li, skont kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, għandna nitkellmu mas-Sur Amabile Zammit biex nibdew il-kuntatti mal-Kunsill ta' Aci Castello fi Sqallija bil-possibilita' li jsir ftehim ta' ġemellaġġ bejn dan il-Kunsill u l-Kunsill Lokali tal-Fontana. Il-Kunsill qabel ma' dan.

4. <u>Approvazzjoni tar-risposta tal-Kunsill għall-*management letter* tal-awdituri</u>


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill kopja tar-risposta tal-Kunsill Lokali għall-*management letter* tal-awdituri wara li kien konkluż il-proċess tal-awditjar.

Il-Kunsill approva unanimament din ir-risposta li ser tintbagħat lid-Direttur tal-Gvern Lokali u lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. Kopja ta' din ir-rispsota qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti b'riferenza 'Dok A'.

5. Approvazzjoni tal-*budget* tal-Kunsill għas-sena 2016

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta lill-Kunsill kopja riveduta tal-*budget* għas-sena 2016. Dan il-*budget* kellu jiġi approvat fil-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 29 ta' Frar 2016 iżda peress li l-ex-Segretarja tal-Kunsill infurmat lill-Kunsill sagħtejn qabel bdiet l-istess laqgħa li hi ma setgħetx tattendi, dan il-*budget* ma setax jiġi approvat.

Rigward spiża kapitali, il-Kunsill Lokali qabel li għal din is-sena għandna nivvutaw is-somma ta' € 6000 għal xogħol ta' patching fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u € 30,000 għal xogħol ta' *resurfacing* fuq parti minn Triq John Gaspard Le Marchant. Il-Kunsill qabel li l-offerti pubbliċi (*tenders*) għal dawn ix-xogħlijiet għandhom jinħarġu kif ikollna d-dokumentazzjoni kollha f'idejna.

Il-Kunsill approva unanimament dan il-*budget* għas-sena 2016 u ser jintbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża fil-5.20pm sabiex il-Kunsill seta' jitkellem mal-avukat tal-Kunsill, Dr. Jean Paul Grech LLD, rigward is-sitwazzjoni attwali tal-kuntratt li l-Kunsill għandu mas-Sur Nicholas Zammit għal servizz ta' ġbir ta' skart goff (*bulky refuse*) fil-lokalita'. Il-laqgħa tkompliet fis-5.45pm.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandna nieħdu l-parir tal-avukat tal-Kunsill billi nibagħtu ittra uffiċjali lis-Sur Nicholas Zammit biex nipproċedu bit-terminazzjoni tal-kuntratt u nħallsuh tas-servizzi li offra bejn Jannar u Marzu 2016 skont ir-*records* tal-Kunsill.

6. Approvazzjoni tal-pagamenti

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill il-lista ta' pagamenti biex jiġu approvati f'din il-laqgħa.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-pagament tas-Sur Carmel Xerri għas-servizz ta' manutenzjoni u tindif tal-latrina pubblika fi Triq Ta' Mulejja għax-xahar ta'

Mejju-Ġunju 2016 jiġi temporanjament sospiż sakemm naraw li x-xogħol li ntalab jagħmel mill-Kunsill fl-ittra tas-27 ta' Ġunju 2016 isir.

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti l-oħra u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

7. Aġġornament

Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2016 fit-3.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.00pm.

**IFFIRMATA**

Saviour Borg
Sindku

**IFFIRMATA**

Ivan Attard
Aġent Segretarju Eżekuttiv


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555